PDF Compressor Pro



**MINN GĦAWDEX**



*ma' **Charles Spiteri***



J Anvil jidher jirrappreżenta l-istatwa ta' San Pawl tal-Knisja ta' Marsalforn waqt il-festa li tiġi ċċelebrata f'din il-bajja waqt illi Georgina Abela tidher fil-parti ta' Santa Marija waqt il-festa illi tiġi ffestiġġjata fir-raħal taż-Żebbuġ

# Il-Musical Għeruqna

Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Awwissu, għat-tieni sena konsekuttiva, fil-Pjazza Assunta, taż-Żebbuġ, ittella' il-Musical Għeruqna, kompożizzjoni tal-kanoniku Noel Saliba u mużka ta' Maestro Paul Abela. Id-Direzzjoni kienet f'data f'idejn Ray Mangion li għandu esperjenza vasta f'dan il-qasam. Il-Musical Għeruqna, produzzjoni tal-kunsill lokali taż-Żebbuġ, Għawdex, ittella' għall-ewwel darba fil-Bajja ta' Marsalforn nhar il-Ħadd 16 ta' Awwissu 2009.

Il-Musical Għeruqna huwa bbażat fuq tliet atti. L-ewwel att huwa fuq il-Fidi li għexet Santa Marija u t-tieni fuq il-Fidi kif ġabilna f'pajjiżna l-Appostlu Missierna San Pawl. It-tielet u l-aħħar att huwa mibni fuq kif qiegħdin ngħixu din il-Fidi fiż-żminijiet tal-lum.

Il-ftuħ tal-Musical jinterpretà episodji mill-ħajja ta' Santa Marija Bħal ma hija t-tħabbira tal-Anġlu Gabriel kif ukoll l-għerusija ma' San Ġużepp. Kull min attenda għal-Musical Għeruqna seta' jara xeni sbieħ mill-ħajja tal-Familja ta' Nazzaret kif ukoll l-esperjenza tat-Tieġ ta' Kana fil-Galilija u ż-żjara lil qaribitha Santa Elizabbetta.

Fit-tieni Att rajna episodji mill-ħajja mqallba ta' Sawlu li minn prosekutur tal-knisja sar difensur tal-Fidi, ibda mill-konverżjoni u spiċċa fin-nawfragju tiegħu fostna. F'dan l-att rajna siltiet mill-ħajja ta' San Pawl fil-Ħabs ta' Kolossi. Il-Predikazzjoni lill-Ġnus u n-nawfraġju tiegħu fostna. Il-mod ta' kif il-Maltin laqgħuh, il-lifgħa li ma għamlitlu l-ebda ħsara kif ukoll il-magħmudija ta' Publiju bħala l-ewwel Isqof u l-kumplament tal-Maltin li kienu jgħixu f'dawn il-Gżejjer.



J Anvil fil-parti ta' San Pawl fil-mument tal-Konverżjoni. Jidhru Noel Said (xellug) li jirrappreżenta l-ħajja ta' San Pawl qabel il-konverżjoni u Jacquelinel Vella li tirrappreżenta l-fidi nisranija

Fit-tielet att rajna kif Santa Marija daħlet għall-Maltin fi żmien il-gwerra u l-Konvoj li salva lill-Missierijietna. Il-mod ta' kif Santa Marija flimkien ma' San Pawl jindukraw in-nies ta' dawn il-Gżejjer.

Il-Musical Għeruqna ġie fittmiem tiegħu billi wriena kif dak li ħaddnet Santa Marija, IL-FIDI u kif ġabilna l-Appostlu missierna San Pawl qegħdin nipprattikawha fl-irħula u l-komunitajiet Maltin u Għawdxin.

Il-partijiet prinċipali ta' Santa Marija kienet fdata f'idejn il-kantanta Georgina kif ukoll il-kantant J'Envil li interpreta l-parti ta' San Pawl. Ma' dawn ingħaqdu kast ta' ħamsa u tmenin persunaġġ il-parti l-kbira mil-lokalità taż-Żebbuġ u Marsalforn. Is-Soprana Jacqualine Vella interpretat il-parti ta' Santa Elizabbetta kif ukoll il-kantanta żgħażugħa TerryAnn Saliba interpretat il-parti tal-Anġlu ta' Malta. Il-Kantant Fabian Galea interpreta l-parti tal-Anġlu Gabriel, waqt illi l-parti tal-Kappillan tarraħal ġiet interpretata mill-kantant Ryan Farrugia.

Preżenti kien hemm ukoll is-is-Segretarju Parlamentari l-Avukat Chris Said, il-Maġistrat Paul Coppini, l-eks Speaker u aġent President ta' Malta, Anton Tabone, il-Kan. Noel Saliba, Maestro Paul Abela, Sindki u Kunsilliera u mistednin distinti oħra. Pjazza l-Assunta kienet mimlija biż-Żebbuġin u viżitaturi oħra li ma tilfux din l-okkażjoni.

Fl-aħħar tkellmu J'Envil u Georgina li nterpretaw il-partijiet ta' San Pawl u Santa Marija rispettivament, id-Direttur Ray Mangion fejn qal li kien ta' sodisfazzjon għalih li jerġa' jaħdem qalb kast il-biċċa kbira Żebbuġin, kif ukoll ma naqsitx kelma ta' ringrazzjament mill-Kanonku Noel Saliba u Maestro Paul Abela. Għalaq is-serata is-Sindku Carmelo Saliba fejn irringrazzja lil kulħadd tas-sehem tiegħu u fisser il-Musical GĦERUQNA bħala sfida "... li biddilniha f'opportunità li konna kapaċi intellgħu MUSICAL".

Il-Musical GĦERUQNA spiċċa billi l-kast kollu ta stampa ċara ta' kif niċċelebraw il-festi aħna l-Maltin u l-Għawdxin bl-udjenza t'applawdi u spettaklu tan-nar tal-ajru għaddej fi Pjazza l-Assunta, il-pjazza prinċipali tal-lokalità taż-Żebbuġ.



Waqt iż-żjara illi Marija għamlet lil Eliżabetta. Il-parti ta' Marija nħadmet minn Georgina Abela mill-Mellieħa (lemin) waqt illi Jacqueline Vella ħadmet il-parti ta' Eliżabbetta



San Pawl flimkien ma' San Luqa madwar il-ħuġġieġa



San Pawl qiegħed igħammed lill-Pubbliju, il-Prinċep ta' Malta


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***